# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

servizz pubbliku

## Il-Perit



### Trid tilħaq perit?

Il-professjoni ta' perit mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi hija karriera li tikkonsisti minn ħidmiet varji, partikolarment għaliex dan id-dipartiment għandu f'idejh proġetti differenti.

Ibqa' tgħallem, informa ruħek u tħarreġ bil-ħiliet li ttik l-edukazzjoni. Wara l-istudji sekondarji jkun jeħtieġ li tkompli titgħallem fuq livell terzjarju fl-oqsma tal-Matematika, il-Fiżika, it-Technical Drawing, il-Ġografija u l-Kimika fost suġġetti oħra. Student interessat fix-xogħol ta' perit irid ikompli l-istħarriġ tiegħu fl-Università ta' Malta jew f'xi università fl-Ewropa.

### Xi jsir mill-perit waqt proġett?

Xi drabi x-xogħol ikun jitlob li jsir fl-uffiċċju, biex il-perit jagħmel ir-riċerka neċessarja jew jagħmel id-disinn ta' proġett ġdid, fost xogħol ieħor. Drabi oħra x-xogħol ikun jitlob li l-perit imur iżur is-siti tal-proġetti li jkun involut fihom.

Għalkemm is-suġġetti akkademiċi huma bżonjużi, perit għandu jkollu ħiliet oħra, biex jaħseb b'mod kritiku u jesplora diversi metodi li bihom wieħed ikun jista' jilħaq l-iskop tal-proġett.

Dawn il-ħiliet illum il-ġurnata huma meħtieġa minħabba r-rata mgħaġġla li biha qed jevolvu t-teknoloġija u l-iżvilupp tal-materjali użati fl-industrija. Il-perit f'xogħlu għandu jkun konxju wkoll mill-impatt li t-tibdil fil-klima qed ikollu fuq id-dinja u fuq l-ambjent ta' madwarna. Fl-aħħar mill-aħħar l-importanti hu li l-perit ikun kburi bil-proġetti li jkun ħadem fuqhom, sabiex finalment kemm is-soċjetà kif ukoll l-ambjent jibbenifika minnhom għal żmien kemm jista' jkun twil.

Żomm kuntatt magħna!

## L-Inġinier



### Trid tilħaq inġinier?

Il-professjoni ta' inġinier hija waħda li timraħ f'numru ta' speċjalizzazzjonijiet differenti. Fost dawn insibu l-inġinerija li hija marbuta mat-telekomunikazzjoni, mat-teknoloġija tal-informatika, mal-intelliġenza artifiċjali, mal-avjazzjoni, dik marittima, mal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika, mas-sigurtà , mal-enerġija rinnovabbli u mal-manifattura. Minħabba t-tibdil kontinwu fit-teknoloġija din il-professjoni dejjem qed tevolvi. Għalhekk l-inġiniera jridu jibqgħu jaġġornaw lilhom infushom sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jwettqu l-irwoli tagħhom.

Is-suġġetti prinċipali biex wieħed isir inġinier huma l-Matematika u l-Fiżika. Minkejja dan it-teknoloġija tal-informatika hija suġġett importanti wkoll. Dan minħabba li llum l-inġiniera jużaw is-software u għodod oħra teknoloġiċi sabiex jagħmlu disinji ta' simulazzjoni qabel ma jiġu implimentati l-proġetti. Barra minn hekk l-iżviluppi li kontinwament isiru huma kollha bbażati fuq it-teknoloġija tal-informatika.

### X'jinvolvi x-xogħol ta' inġinier fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi?

Fil-biċċa l-kbira tagħhom l-inġiniera tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huma inġiniera elettriċi u mekkaniċi. Huma jkunu involuti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni, li fost l-oħrajn jinkludu proġetti nazzjonali. Dawn ivarjaw minn proġetti ta' bini ġdid sa faċilitajiet f'parks u spazji pubbliċi, iżda mhux biss. L-inġinier jieħu ħsieb ukoll xogħlijiet ta' tisbiħ tal-uffiċini, bini prominenti, spazji pubbliċi u installazzjonijiet ta' diversi sistemi ta' dawl. Illum il-ġurnata d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jiffoka l-aktar sabiex il-binjiet pubbliċi jkunu sostenibbli. Għalhekk l-irwol tal-inġinier issa sar aktar importanti bl-implimentazzjoni ta' sistemi rinnovabbli tal-enerġija u teknoloġija innovattiva sabiex it-tħaddim tal-enerġija jkun dejjem aħjar. B'hekk jinħoloq ambjent aktar sigur u komdu għal dawk li jkunu se jużaw il-binjiet.

### Xi jsir mill-inġiniera waqt proġett?

L-irwol tal-inġiniera jibda sa mill-bidu nett tal-kunċett tal-proġett. Iktar 'il quddiem, aktar ma l-proġett jibda jiżviluppa, l-inġiniera jkollhom irwol aktar ċentrali fejn jidħol id-disinn tas-sistemi sabiex il-proġett jitlesta. Matul il-proċess kollu l-inġiniera jsegwu x-xogħlijiet mill-viċin permezz tas-superviżjoni, filwaqt li jagħtu l-pariri tekniċi tagħhom lill-ħaddiema u lill-persuni responsabbli mill-proġett. Fi tmiem il-proġett l-inġiniera jkunu responsabbli li jagħmlu verifiki u testijiet tax-xogħlijiet li jkunu saru waqt li jiċċertifikaw li x-xogħol ikun sar skont kif kien mistenni mill-klijent, li fil-każ tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huwa l-gvern ta' Malta.